12 ta' Marzu, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Anthony **Blackman** et. *versus* **Nobbli Alexander Apap Bologna**

## Lokazzjoni — Sullokazzjoni — Ċessjoni — Xhieda — Provi Kontra l-Kitba.

*Meta l-kontraenti jinkorporaw il-ftehim ta' bejniethom fi skrittura, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu huma niżżluh fl-iskrittura; u għalhekk mhux leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli tali li jkunu jridu jfissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali.*

*Huwa prinċipju li, għalkemm provi orali jistgħu jiġu ammessi biex jiġu diluċidati punti oskuri ta' kitba, jew f'każ ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, dawk il-provi però ma humiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa ġà ċar. Dan il-prinċipju mbagħad, mhux applikabbli meta l-prova tiġi offerta biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li ma jkunx inkonċiljabbli mal-kitba.*

*Il-kerrej jista' jissulloka l-ħaġa, jew iċedi l-lokazzjoni tagħha, meta din is-setgħa ma tkunx ġiet lilu mneħħija, kollha jew f'biċċa, fil-ftehim.*

*Is-sullokazzjoni u ċ-ċessjoni tal-lokazzjoni mhumiex l-istess ħaġa; u l-waħda ma tikkomprendix l-oħra. Imma meta dawk it-termini jiġu użati promiskwament, huwa dover u kompitu tal-ġudikant li jfittex li jinterpreta l-intenzjoni tal-kontraenti biex jistabbilixxi liema minnhom huma riedu joħolqu; u għal dina r-riċerka għandhom importanza kbira l-espressjonijiet użati mill-kontraenti fil-ftehim.*

*Fil-każ preżenti, fil-ftehim miktub ġiet eskluża ċ-ċessjoni tal-lokazzjoni. Il-konduttur ried jissulloka l-fond; is-sid oppona ruħu għax qal li ċ-ċessjoni tal-lokazzjoni tikkomprendi s-sullokazzjoni; il-konduttur sostna li kontemporaneament mal-ftehim bil-miktub is-sid tah il-permess tas-sullokazzjoni bil-fomm; u s-sid ċaħad anki din l-aħħar allegazzjoni. Fid-diverġenza bejn il-partijiet il-Qorti am-*

*mettiet il-produzzjoni ta' provi orali, u fuq ir-riżultanzi ta' dawn il-provi tat raġun lill-konduttur.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenut irrikonoxxa lill-atturi inkwilini tal-ħanut li jinsab il-Ħamrun, St. Joseph Street, numru 675, u akkordalhom id-dritt li jistgħu jissullokaw dak il-ħanut lil ħadd ieħor, basta ma jiġix użat għall-bejgħ ta' salami; u li meta l-atturi kienu sejrin jissullokaw dana l-ħanut lil ħadd ieħor, il-konvenut iddiffidahom li jagħmlu hekk u imminaċċjahom li jiżgumbrahom; talbu illi jiġi dikjarat u deċiż li meta l-atturi ġew rikonoxxuti bħala inkwilini tal-ħanut nru. 675, Saint Joseph Street, Ħamrun, il-konvenut akkordalhom id-dritt li jkunu jistgħu jissublokawh lil ħadd ieħor, basta ma jiġix użat għall-bejgħ tas-salami. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1950, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jidher li l-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni huwa tal-konvenut, u kien mikri għand Carmelo Fenech Cefai. Dan ċedieh lill-attur Anthony Blackman bl-aċċettazzjoni tal-konvenut; u dan, bi skrittura tas-27 ta' Marzu 1949 (fol. 22), irrikonoxxa minn dak in-nhar lill-atturi bħala inkwilini ġodda tal-ħanut, bil-pattijiet indikati f'dik l-iskrittura, fosthom dik li l-atturi setgħu jċedu l-ħanut kull meta kienu jridu, basta li għal dana l-effett huma jkollhom il-kunsens bil-miktub tas-sid. L-atturi ssublokaw il-ħanut lill-"Spartans Football Club" bin-nofs lira kuljum, imma meta s-Segretarju tal-Club, fuq istruzzjoni tal-Pulizija, mar għand il-konvenut biex jagħtih il-permess meħtieġ, il-konvenut ma riedx jagħti dak il-permess, għaliex ippretenda li ma kienx ta l-fakoltà tas-sullokazzjoni lill-atturi. Dawn min-naħa tagħhom jippretendu li immedjatament qabel u wara r-redazzjoni ta' l-iskrittura fuq imsemmija, il-konvenut kien ta l-fakoltà lill-atturi fuq il-kelma tiegħu ta' raġel, li jkunu jistgħu jissullokaw il-ħanut lil min iridu, anki bit-tant kuljum, basta l-ħanut ma jiġix sublokat għall-merċa u għas-

salami. L-attur Anthony Blackman ighid li huwa talab dina l-fako tà lill-konvenut qabel ma bdiet tiġi redatta l-iskrittura, u l-konvenut aċċettaha; imma ma riedx li titniżżel dina l-kondizzjoni fl-iskrittura, imma ta l-kelma ta' raġel li kellu jirrispettaha. Dina l-kondizzjoni orali l-konvenut ikkonfermaha, tant waqt ir-redazzjoni ta' l-iskrittura kemm immedjatament wara li saret. Dina l-versjoni ta' l-attur Anthony Blackman tinsab korroborata mix-xhieda ta' Carmelo Fenech Cefai (fol. 16), Alfred Lewis (fol. 17), u Nutar Emmanuele Agius (fol. 34);

*Illi l-atturi fiċ-ċitazzjoni din l-iskrittura* ma semmewha b'xejn, u ġiet imsemmija biss mill-konvenut fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu. U fl-ewwel dehra tal-kawża ħadd mill-partijiet ma k'en jaf sewwa fejn kienet tinsab dik l-iskrittura. Kien għalhekk li l-Qorti pproċediet għas-smiegħ tal-provi daqs kemm kieku dik l-iskrittura k'enet mitlufa. L-iskrittura nġiebet biss mill-atturi wara li kienu għà xehdu l-attur Anthony Blackman u x-xhieda minnu miġjubin, barra n-Nutar Emmanuele Agius. Dana qiegħed jingħad għaliex, kieku *dik l-iskrittura nġiebet mill-ewwel, il-Qorti* ma k'enetx tippermetti l-produzzjoni tax-xhieda għall-prova li riedu jagħmlu l-atturi, jew almenu kienet qabel tiddeċidi dwar l-ammissibilità jew le tagħhom. Infatti hija norma tradizzjonali tal-ġurekonsulti rumani illi "testes, quum de fide tabularum nihil dicitur, adversus scripturam interrogari non possunt" (Paolo, Sententiae, Lib. V, Tit. XV, para. 4); kif ukoll "contra scriptum testimonium testimonium non scriptum non fertur" (Cod. Just. L. de testibus);

*Dan huwa fondat ukoll fuq ir-raġuni loġika tal-prinċipju* stess; għaliex meta l-partijiet jagħmlu kitba biex jaċċertaw ir-rapporti ġuridiċi tagħhom fuq oġġett partikulari, huwa raġjonevoli li f'dik il-kitba, u mhux band'oħra, għandhom jiġu mfittxijin il-provi ta' l-att magħmul minnhom. "I nostri tribunali hanno sempre respinto o inatteso una prova testimoniale contro o in aggiunta al contenuto di atti scritti" (App. 27. 5. 1925 "Formosa vs. Dingli", Vol. XXVI — I — 149, u s-sentenzi fiha ċitati);

*Dina r-regola, però, ma hix assoluta, u tista' tiġi mitigata* billi l-Qorti tippermetti l-prova testimonjali fil-konkors

ta' ċirkustanzi partikulari (App. 31. 10. 1898 "Conti vs. *Formosa*", Vol. XVI — I — 105; 17. 1. 1917 "Muscat vs. *Fiteni*", Vol. XXIII — I — 870). Il-Mattirolo josserva illi "nel Diritto Romano non mancano altri frammenti da cui *risulta che la prova testimoniale è ammessa in certi casi anche contro la prova scritta.* Fra *altri*, la legge 15 Cod. De fide instrumentorum, 14 Cod. de contrahendis et committendis stipulationibus" (*Diritto Giudiziario Civile Italiano*, Vol. II, *nota* 2). Dak l-awtur josserva illi "*non bisogna dimenticare tuttavia che quella disposizione*" — li biha l-massima fuq imsemmija ġiet *konsakrata* fid-Dritt Taljan bħala norma ta' dritt *pożitiv* — "è *pur sempre un precetto di diritto singolare*, perocchè deroga al principio, di diritto comune, della libera ammissione *di ogni specie di prova*; e perciò la medesima deve dall'interprete strettamente interpretarsi". Hekk bis-senterza fuq imsemmija ġie deċiż li dik ir-regola ma għandhiex tiġi adottata meta "non trattasi di trattativi anteriori alla scrittura, ma bensì di un patto convenuto tra le parti contestualmente colla formazione della scrittura ove trovasi omesso, e *ripetuto posteriormente* alla stessa" (Vol. XVI — I — 105); "quando la prova testimoniale sia diretta a far fede di un patto verbalmente intervenuto precedentemente alla scrittura, quando *il patto sia incidentale* ed accessorio, e non inconciliabile colla sostanza dell'atto scritto" (Vol. XXIII — I — 870). Biss, min għandu favur tiegħu l-miktub għandu favur *tiegħu* wkoll *il-preżunzjoni* tal-prova; u l-piż tal-prova kuntrarja jivversa ruħu fuq il-parti l-oħra; f'każ ta' perplessità d-dubju jirriżolvi ruħu favur min għandu dik il-preżunzjoni favur tiegħu (P.A. 28. 5. 1936, "Mizzi vs. Sillato", Vol. XXIX — II — 1090);

Illi fil-każ preżenti dawna l-provi nstemgħu, u ma jidherx illi kieku l-iskrittura ġiet eżibita mill-ewwel u ġie diskuss biss jekk dawk il-provi kellhomx jiġu ammessi jew dikjarati irrilevanti, l-istess provi ma kienux u ma kellhomx jiġu mismugħin u ammessi. Infatti, f'dan il-każ għandu jiġi riżolut biss il-pont jekk sarx jew le l-patt pretiż mill-atturi, intervenut, kif igħidu huma, preċendentement, kontemporaneament, u konfermat mill-konvenut immedjatament wara r-redazzjoni ta' l-istess skrittura; liema patt, jekk sar, huwa

inċidentali u aċċessorju, u mhux inkonċiljabili ma' l-istess skrittura. Divers kien ikun il-każ kieku kien jittratta minn interpretazzjoni ta' patt jew pattijiet;

Illi, kif ġà ntqal, l-attur Anthony Blackman, u x-xhieda Fenech Cefai, Lewis u Nutar Agius, igħidu b'mod l-aktar ċar u *enfatiku, illi immedjatament qabel ma ġiet redatta* l-iskrittura, matul ir-redazzjoni tagħha, u wkoll immedjatament wara dik ir-redazzjoni, il-konvenut wiegħed, ta, u ikkonferma li kien ta fuq il-kelma ta' raġel tiegħu, lill-atturi l-fakoltà li jissullokaw.............. u dana wkoll mingħajr ebda preavviż lill-konvenut........... Jidher li l-attur Anthony Blackman, *kieku ma kienx sar dak il-patt, ma kienx jikri* l-ħanut...............;

*Omissis;*

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi t-talba ta' l-atturi tidher ġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi d-domandi ta' l-atturi jiġu riġettati, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi biċ-ċitazzjoni talbu li jiġi dikjarat............... L-Ewwel Qorti ddeċidiet adeżivament għal dina t-talba wara li semgħet il-provi li ġew quddiemha mressqin............. Kontra dik is-sentenza l-konvenut appellant ressaq dawn l-aggravji:— (a) Li billi l-lokazzjoni li huwa għamel lill-atturi, tal-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni, saret bil-miktub, ma kienx leċitu li jiġu prodotti u li jinstemgħu provi orali kontra dik l-iskrittura; u (b) illi l-klawsola li tipprojbixxi ċ-ċessjoni tal-lokazzjoni, imniżżla fl-imsemmija skrittura tikkomprendi wkoll id-divjet tas-sullokazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għall-ewwel aggravju, mid-dokument eżibit fil-fol. 22 tal-proċess jirriżulta li l-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni *ġie mogħti* b'kera lill-atturi appellati bi skrittura tas-27 ta' Marzu 1949, bil-kondizzjoni, fost oħrajn, li "l-inkwilini sinjuri Blackman jirriżervaw id-dritt li jċedu l-ħanut kollu kull meta jridu, basta li għal dana l-effett huma jkollhom il-kunsens bil-miktub tas-sid". L-atturi jsostnu li barra minn

dik l-kondizzjoni, immedjatament qabel u wara li saret dik il-iskrittura, sar ftehim verbali mal-konvenut li huma setgħu liberament jissullokaw dak il-ħanut lil ħadd ieħor, basta ma jiġux użat għall-bejgħ ta' salami. L-appellant jiċħad li qatt sar dana l-ftehim, u jippretendi li x-xhieda mismugħin mill-Ewwel Qorti ma kienux ammissibili, in bażi għall-magħruf prinċipju "contra scriptum testimonium non fertur testimonium non scriptum", imnissel mill-Lex Prima, Codex de Testibus, "ne testes recipiantur adversus tabulas";

Ikkunsidrat;

Illi fil-ġurisprudenza tagħna ġie kostantement ritenut li meta l-*kontraenti jinkorporaw il-ftehim ta' bejniethom fi* skrittura, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali (Appell 31 ta' Mejju 1943 in re "Farrugia vs. Piscopo", Kollez. Vol. XXXI — I — 627). Gie wkoll ritenut li għalkemm huwa veru li provi orali jistgħu jiġu ammessi biex jiġu deluċidati punti oskuri ta' kitba, jew f'każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, iżda l-provi orali ma humiex ammissibili biex ifissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar (Appell 26 ta' Mejju 1941 in re "Attard vs. Mamo", Kollez. Vol. XXXI — I — 441). Iżda r-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tiġi ammessa prova testimonjali ma hijiex applikabili meta l-prova tiġi offerta biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabili ma' l-att (Appell 17 ta' Jannar 1917 in re "Muscat vs. Fiteni", Kollez. Vol. XXIII — I — 870; Prim'Awla 27 ta' Jannar 1937, in re "Mifsud vs. Mifsud", Kollez. Vol. XXIX — II — 1203; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re "Rizzo vs. Anastasi");

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-prinċipji li jirregolaw il-materja tal-produzzjoni tal-provi orali meta hemm il-miktub, u qabel ma jiġu applikati għall-każ in ispeċje dawk il-prinċipji, hemm bżonn li jiġi eżaminat it-tieni aggravju miġjub 'il quddiem

mill-appellant. Dana l-aggravju jikkonsisti filli, skond l-iskrittura tal-lokazzjoni (fol. 22), l-atturi appellati, biex iċedu l-ħanut lil ħadd ieħor, kellhom bżonn il-permess bil-miktub ta' l-appellant, u għalhekk dak il-permess kien anki meħtieġ għas-sullokazzjoni, billi din hija kompriża fiċ-ċessjoni. Għad-definizzjoni ta' din il-kwistjoni huwa utili l-eżami taddispożizzjoni tal-liġi tagħna fil-materja u tal-fonti mnejn dik id-dispożizzjoni ġiet meħuda;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 1703 tal-Kodiċi Ċivili), "il-kerrej għandu jedd li jissulloka l-ħaġa, 'jew' li jċedi l-kiri tagħha, meta dina s-setgħa ma tkunx ġiet lilu mneħħija fil-kuntratt". Dina s-setgħa tista' tiġi mneħħija lilu għal kollox jew f'parti. Il-kelma "jew", fuq sottolineata, kienet tidher bħala "e" fit-test Taljan, u "and" fit-test Ingliż, qabel ma saret l-aħħar reviżjoni tal-Liġijiet ta' Malta. Id-dispożizzjoni tal-liġi fuq riportata hija riprodotta mill-art. 1573 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, li jikkorrispondi għall-art. 1717 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż. Il-Borsari (Commentario del Codice Civile Italiano, Vol. IV, Parte Prima, pag. 632, para. 3658), fil-kumment tiegħu għall-imsemmi art. 1573 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, hekk jgħid:— "Nei codici moderni se ne ravvisa la differenza, distinguendo gli atti nelle due forme espresse — 'sublocare' e 'cedere l'affitto'. l'una delle quali non può fare le veci dell'altra, perchè in tal caso la buona economia del discorso tecnico ne avrebbe consigliato una sola". Iżjed 'il quddiem ikompli jgħid f'hiex jiddifferixxu s-sullokazzjoni u ċ-ċessjoni tal-lokazzjoni; u jgħid:— "La sublocazione trasporta le obligazioni del primo conduttore nel secondo conduttore, e ne costituisce una nuova a peso del secondo e a favore del primo. Sono due locazioni, la prima delle quali rimane ferma e un'altra vi si aggiunge fra diverse persone, e forse con diversa pensione.............. La cessione dell'affitto è l'abbandono che fa il conduttore ad un terzo del suo contratto, per un prezzo convenuto che tiene conto del complesso degli elementi utili del contratto, e può anche farsi a causa di donazione";

Ir-Ricci (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. VIII, pag. 204-205, par. 113), jaqbel mad-distinzjoni fuq mi-

gjuba tal-Borsari, iżda jgħid li ċ-ċessjoni msemmija fl-art. 1573 ma tfisserx "vendita o donazione del diritto di affitto, bensì sublocazione totale della cosa locata"; u biex isostni dan igħid li "nel linguaggio tradizionale e comune, l'espressione 'cedere l'affitto' s'intende nel senso di una sublocazione totale, mentre si dice 'sublocare' di un subaffitto parziale". Iżjed 'il quddiem ikompli jgħid:— "Quali conseguenze dedurremo dalle fatte osservazioni? Quella forse che la cessione dell'affitto non esiste come una convenzione diversa dal subaffitto, o che essa è contraria alla legge? Nè l'una nè l'altra. Non la prima, perchè se si può vendere o donare un diritto di credito, non vi ha ragione per ritenere che non si possono ugualmente vendere o donare i diritti acquistati dal conduttore verso 'l locatore, che sono pur essi diritti personali come quelli di qualsiasi creditore. Non la seconda, perchè se il legislatore non parla di alienazione, nel vero senso della parola, non per questo può dirsi che la proibisca. La conseguenza, utile nella pratica, che si deduce dalle fatte osservazioni è questa che, ammessa, perchè non vietata in diritto patrio, l'alienazione a titolo oneroso o gratuito dei diritti del conduttore, non si deve ritenere per altro che ogni qualvolta negli atti contrattuali si parli di cessione d'affitto, siasi inteso fare una vera alienazione dei diritti del conduttore, anzichè un subaffitto. Ed infatti, se il legislatore stesso adopera come sinonimi ed equipollenti i termini 'cessione e subaffitto', perchè non sarà concesso ai privati dare alla cessione lo stesso significato attribuitole dal legislatore? Deve adunque il giudice ricercare l'intenzione dei contraenti, e vedere quale specie di convenzione hanno avuto intenzione di porre in essere";

Il-Pacifici Mazzoni (Codice Civile Italiano Commentato, Trattato delle Locazioni, pag. 250, par. 164), jammetti d-distinzjoni bejn sullokazzjoni u ċessjoni ta' lokazzjoni, meta jgħid li "può essere vietata al conduttore la cessione dell'affitto e non la sublocazione, e vice versa"; u jkompli "ma quando il divieto non sia formalmente limitato all'una delle due, si estende all'una e all'altra benchè sia concepito per una delle due solamente";

Il-Baudry Lacantinerie (Del Contratto di Locazione, Vol. I, pag. 645), fil-kummenti tiegħu għall-art. 1717 tal-Kodiċi Franċiż (korrispondenti, bħal ma ġà ngħad, għall-art. 1573 tal-Kodiċi Taljan u għall-art. 1703 tal-Kodiċi Tagħna), igħid li s-sullokazzjoni "è una locazione innestata su di un'altra", mentri ċ-ċessjoni tal-lokazzjoni hija "un trasferimento, una vendita del diritto di godimento risultante da una locazione. Quest'ultima operazione ci appare così come più radicale della prima, ed è questa senza dubbio l'idea che intende esprimere l'art. 1717, quando dice che il conduttore ha il diritto di sublocare ed anche di cedere la sua locazione". Ikompli jgħid :— "In caso di dubbio si debbono sempre consultare le espressioni usate; così la parole 'cessione di locazione', se non è interpretata da un'altra clausola, indica che vi è cessione. Occorre dunque respingere un'opinione per la quale, in diritto, la cessione della locazione è la sublocazione dell'immobile intero, e che riserva il nome e gli effetti della sublocazione alla sublocazione parziale";

Fl-aħħarnett, il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, bis-sentenza tat-12 ta' April 1894, in re "Moore vs. Cassar" (Kollez. Vol. XIV, pag. 225), sedenti l-Illustrissimu Imħallef Dottor Paolo Debono, hekk mairet tgħid :— "Che la cessione dell'affitto, a differenza della sublocazione, non costituisce una locazione, ed i suoi effetti si determinano non già colle regole relative al contratto di affitto, ma con quelle della cessione dei diritti; e perciò il cedente non è tenuto ad altro che a garantire al cessionario la esistenza del diritto ceduto al tempo del contratto";

Ikkunsidrat;

Illi mid-dottrina u mill-ġurisprudenza fuq ċitata jitnisslu dawn il-konsegwenzi :— (a) li s-sullokazzjoni u ċessjoni ta' lokazzjoni ma humiex l-istess ħaġa; (b) li meta dawk it-termini jiġu wżati promiskwament, huwa dover u kompitu tal-ġudikant li jfittex li jinterpreta l-intenzjoni tal-kontraenti biex jistabbilixxi liema minnhom huma riedu joħolqu; u (c) li għal dina r-riċerka għandhom importanza kbira l-espressjonijiet użati mill-istess kontraenti fil-ftehim. Kif diġà nfqal, fil-każ in eżami, skond l-iskrittura (fol. 22), il-kunsens bil-miktub tas-sid huwa rikjest għaċ-ċessjoni tal-ħanut, u s-sul-

lokazzjoni ma hi msemmija b'xejn. Iżda l-appellant isostni li f'dik ċ-ċessjoni tinsab kompriża s-sullokazzjoni, mentri l-appellat jgħidu li s-sullokazzjoni mhux biss mhix kompriża, iżda ġiet espressament eskluża immedjatament qabel u wara li sar il-ftehim konkjuż bl-imsemmija skrittura. Minħabba din id-diverġenza bejn il-kontendenti, huwa neċessarju li tiġi interpretata sewwa l-intenzjoni tagħhom. U billi dak il-patt jista' jagħti lok għal xi ambigwità, u billi l-ftehim pretiż huwa inċidentali u aċċessorju, u mhux inkonċiljabili ma' l-istess skrittura, il-produzzjoni tal-provi testimonjali hija ammissibili, skond il-ġurisprudenza fuq riportata;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li saru jirriżulta b'mod soddisfaċenti li l-pretensjoni ta' l-atturi hija ġustifikata, għar-raġunijiet żvolti fis-sentenza appellata. Infatti dik il-pretensjoni tinsab korroborata mix-xhieda ta' l-attur Anthony Blackman, ta' Carmelo Fenech Cefai, ta' Alfred Lewis, u tan-Nutar Emmanuele Agius, flimkien maċ-ċirkustanza li s-sullokazzjoni mhijiex imsemmija fl-iskrittura; u dan non ostanti l-ammissjoni ta' l-istess appellant fil-kontroeżami tiegħu (fol. 36 tergo) li s-sullokazzjoni ssemmiet, u li fid-diskors li sar bejn il-kontendenti għamlu distinzjoni bejn ċessjoni u sullokazzjoni;

Għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, sa fejn kompatibili;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-30 ta' Mejju 1950; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.